

Paġna Ewlenija > ... > Drittijietek > Il-Vittmi Ta' Delitti (għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità)
> Kumpens > Jekk It-talba Tiegħi Se Tinbagħat Minn Dan Il-pajjiż Għal Pajjiż Ieħor Tal-UE > Croatia

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Il-Kroazja



Il-Kroazja

Liema awtorità se tgħinni nibgħat talba f'pajjiż ieħor tal-UE?

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (*Ministarstvo pravosuđa*)
Ulica grada Vukovara 49
Zagreb

Telefown: +385 1 371 40 00
Faks : + +385 1 371 45 07

Sit web :

<https://pravosudje.gov.hr/o-ministarstvu/djelokrug-6366/iz-pravosudnog-sustava-6372/podrska-zrtvama-i-svjedocima/6156>

X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' għajnuna?

- L-awtorità ta' għajnuna hija l-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Ministarstvo pravosuđa Republike Hrvatske*) u l-applikant jista' jissottometti talba lil din l-awtorità f'dawn il-każijiet
- Skont il-Liġi Kroata, dawn jissejġu każijiet transfruntiera (*prekogranični slučajevi*)
- L-awtorità ta' għajnuna għandha, kemm jista' jkun malajr, tissottometti t-talba u l-annessi tagħha lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż fejn l-applikant jitlob kumpens, bil-lingwa uffiċjali tal-pajjiż jew b'lingwa oħra meqjusa aċċettabbli mill-pajjiż inkwistjoni.
- It-talba msemmija hawn fuq għandha tiġi sottomessa bl-użu tal-formola preskritta mill-Kummissjoni Ewropea.
- Jekk l-awtorità responsabbli biex tiddeċiedi dwar it-talba fil-pajjiż inkwistjoni titlob li l-applikant, ix-xhieda, l-esperti maħtura mill-qorti jew persuni oħra jinstemgħu fir-Repubblika tal-Kroazja, dan isir mill-Kumitat għall-Kumpens lill-Vittmi ta' Reati (*Odbor za novčanu naknadu žrtvama kaznenih djela*), li mbagħad jissottometti rapport dwar is-seduta lill-awtorità tal-pajjiż l-ieħor li tkun responsabbli biex tiegħu deċiżjoni dwar it-talba.
- Jekk l-awtorità tal-pajjiż l-ieħor li tkun responsabbli biex tiegħu deċiżjoni dwar it-talba titlob li s-seduta ssir bl-użu ta' għajnuniet tekniċi, is-seduta għandha ssir f'kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Kroazja bil-kundizzjoni li l-persuna li ser tinstema' taqbel ma' din il-proċedura.

Din l-awtorità ser tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn jekk it-talba li tintbagħat barra teħtieġ dan? Jekk iva, min iħallas għal dan?

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Kroazja bħala l-awtorità ta' għajnuna għandu jittraduċi t-talba fil-lingwa tal-pajjiż li minnu jintalab il-kumpens, jew f'lingwa oħra magħżula bħala l-lingwa tal-komunikazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat.

Hemm ħlasijiet amministrattivi jew ħlasijiet oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra?

- M'hemmx ħlasijiet amministrattivi jew ħlasijiet oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra.
-

L-aħħar aġġornament: 09/01/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.